# Kunsill Lokali Gżira

20 ta' Novembru 2021

**Ref Nru. 38/2021**

Minuti tal-laqgħa Nru. 38/2021 li saret it-Tnejn 1 ta' Novembru 2021

Il-Kunsill ltaqa' fl-ufficju amministrattiv tal-Kunsil fil-5.30pm.

**Preżenti**

Sebgħa membri li kienu s-Sindku Conrad Borg Manché, il-Viċi Sindku Ralph Mangion, il-Kunsillieri Neville Chetcuti, Ian Buhagiar, Alex Zammit, Jeremy Cardona u Hugh Caruana flimkien mal- Agent Segretarju Eżekuttiv Claire Goodlip

**Skuzati**

Jessica Borg ġiet skużata fl-ahhar laqqgħa.

**Assenti**

**Shaun Farrugia kien assenti għal laqggħa.**

**Chairman**

Is-Sindku Conrad Borg Manché ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li hareg fl- 25 ta' Settembru 2021

**38.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

38.1.1 L-ittri ta' apoloġiji gew moqrija.

**38.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

38.2.1 Il-minuti tal-laqgħa li saret il-Ħamis 23 ta' Settembru 2021 ttiehdu bħala moqrija u ċ-Chairman stieden lil-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

38.2.2 Paġna Nru.2 para 37.2.2 – Ġemellag – Il-Kunsillier H. Caruana staqsa dwar il-ġemellag, fejn l-agent Segretaru Eżekuttiv spjeġat li il-Kunsill applika għal fondi u kellu jieħu risposta f'Settembru, madanakollu sal-laqgha il-Kunsill kien għadu ma rċeviex risposta. Dan il-Ġemellag huma mistenni isir fis-sena 2022.

38.2.3 Paġna Nru.2 para 37.2.4 – Tournament 5A Side Malta – Is-Sindku staqsa dwar it-Tournament 5A Side lokali li kellu jsir fil- 31 ta' Ottubru, 2021 b'risq Pink October. L-Agent Segretaru Eżekuttiv spjeġat li minħabba il-maltemp dan it-tournament kellu jiġi ikkanċellat.

38.2.4 Paġna Nru.3 para 37.3.3 – Public Convenience – Is-Sindku staqsa aġġiornament dwar il-Public Convenience, fejn l-Agent Segretaru Eżekuttiv bdiet billi tgħid li il-meter tad-dawl ghadu ma giex imcaqlaq għalkemm saru sforzi biex isir dan. Rigward il-quotes, il-Kunsill idecieda li jappunta lil Shaun Farrugia sabiex jirrevedi il-quotes mas-segretarja, u jittieħdu id-decizjonijiet sabiex jimxi ix-xogħol.

Fir-rigward il-mobile toilets is-sindku ircieva sensiela sħiħa ta' ilmenti minn għand residenti li dawn it-tilets temporanji ma kienux qehdin jinzammu kif jixraq u għalhekk wera x-xewqa li jinbidel il-fornitur u tinhareg sejha oħra ghall-offerti, madanakollu l-agent Segretaru Eżekuttiv stqarret li ħarget it-talba għal quote pero ħadt ma ikkwota jew kellu id-disponibilita biex jagħmel dan.

38.2.4 Community Police – Il-Kunsill wera ix-xewqa li il-Community Police, li ġie ikkonfermat fil-Budget li l-lokalita tal-Ġzira ser tkun inkluza s-sena d-dieħla, testendi il-presenza tagħha sa tard bil-lejl. Dan għaliex ħafna mill-abbuzi isiru tul dan il-ħin. Il-Kunsill ikkonkluda li għandu jagħmel talba ufficjali f'dan ir-rigward.

38.2.5 Paġna Nru.3 para 37.3.5 – Il-Problema tal-bar fil-Housing Estate – L-ittra mitluba mil-Kunsilliera ġiet miktuba u il-kunsilliera ġew mitluba jiffirmawa sabiex tintbghat lil-awtoritajiet.

38.2.6 Żgombru mil-ħwienet tax-xatt –Il-Kunsillier H.Caruana semmgħa ghal darba ohra il-problema tal-ħwienet tax-xatt li qedin jagħlu kompletament il-passaġġ għal-pubbliku. Il-Kunsill iddecieda li tintbaghat ittra lil Lands Authority sabiex isir infurzar u jittieħdu il-passi meħtiega.

38.2.7 Paġna Nru.6 para 37.4.11 – Bollards Triq ta' Sliema – L-Agent Segretarju Ezekuttiv tat aġġornament dwar l-applikazzjoni għal bollards fi Triq ta' Sliema. Is-Segretarja spjegat li TM wrew bic-car li ħa jopponu għal din it-talba. Dan għaliex coaches li jkunu ħiergin minn Triq Guze Miceli ma jdurux. Il-Kunsill iddecieda li jipprocedi billi jipproponi li jsir il-bollards iktar l-isfel sabiex jitnaqqas l-abbuz.

38.2.8 Ilment għal One Way ta' Triq Ponsomby u Triq Stuart – Il-Kunsillier A. Zammit semmgħa li ircieva ilment minn negozjant li qed jilmenta li minħabba li Triq Ponsomby U Triq Stuart giet one-way naqaslu ix-xogħol drastikament. Wara diskussjoni l-Kunsill iddecieda li jibqa bid-deċizjoni tiegħu fuq il-bazi li kull resident ser jibbenifika minn din l-inizjattiva. Il-Sindku semmgħa li kienu ħafna li ċemplulu u qablu ma' din il-bidla.

38.2.8 Il-kunsillier A.Zammit ppropona li l-Minuti tal-laqgħa nru. 37 jiġu approvati. Il-kunsillier I.Buhagiar ssekondaħ.

## 38.3 Komunikazzjoni tas-Sindku

38.3.1 Community inclusive Emplyment Scheme– Is-sindku semmgha li gie avvicinat sabiex jimpjega nies bi bzonnijiet specjali fuq din l-iskema imsemmija. Din il-persuna tista' tiġi inkarigata sabiex tieħu l-ammont kbir ta' telefonati li jircievi il-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jmexxi b'din l'iskema, fej il-persuna inkarigata tinghata t-taħrig mehtieġ.

Fuq dan l-argument il-Kunsillier A.Zammit semmgħa li hemm bzonn tiġi aggornata is-sistema tat-telefonija fejn min ikun qed jistenna fuq il-linja jiġi maghref meta jmissu u kemm baqalu fuq il-linja sakemm jinqeda. L-Agent Segretaru Eżekuttiv qalet ser tiċċekja jekk tista issir bis-sistema prezenti u f'dak il-kas tmexxi.

38.3.2 East 14 Tower – Hi Rise Exercise– Is-Sindku għarraf lil Kunsill li gie maghrraf mis Civil Protection li ser isir Hi Rise Evecuation Exercise fis-27 ta' Novembru 2021. Kompla jzied li r-resident diga ġie avzat permezz ta' ittra li s-Sindku qara waqt il-laqgħa.

38.3.3 Tower Crane (Triq il-Flotta) – Is-Sindku informa lil-Kunsill li iltaqa mal-kuntrattur li talab permess għal tower crane fi Triq il-Flotta. Il-Kuntrattur spjega li l-problema li l-lift ser ikun fuq gewwa net (9m), u b'hekk ma jkunx jista jzarma t-tower crane minħabba nuqqas ta' access. Il-Kunsill iddecieda li jħallih jarma t-tower crane pero fuq kundizzjonijiet tal-kunsill. Għaldaqstant il-Kunsill talab li ssir laqgħa mal-kuntrattur qabel jipprocedi bil-permess.

38.3.4 Pjazza Meme Scicluna – L-Agent Segretarju Ezekuttiv tat aġġornament dwar l-applikazzjoni tal-proġett ta' Pjazza Meme Scicluna. Is-Segretarja qalet li l-applikazzjoni intefgħet u kull ma jonqos 'No Objection' minn naha ta TM. Il-Perit qiegħed isus fuq l-entita sabiex din issir mil-iktar fiss possibli.

38.3.5 Risk Assesment ta' L-Ufficju - L-Agent Segretarju Ezekuttiv infurmat lil r-Risk Assesment ta' l-uffiju tal-kunsill sar u mir-rapport ħareg il-kunsill irid jagħmel fire alarm, sinjali ta' hruġ, iktar etinguishers, korsijiet lil l'istaff u Electrical Certification li gie mandatorju kull sena. Il-Kunsill approva dawn l-ispejjez. Il-Kunsilliera irrakkomandaw ukoll li jsir toilet alarm u jinxtara wheelchair f'kas ta bzonn.

19:41 A.Zammit gie skuzat mil-laqgħa

38.3.6 Christmas Lights u Pucissjoni tal-Bambin – Is-Sindku ġie mitlub mil-Kazin tal-banda sabiex jiffinanzja il-purcissjoni tal-bambin u jipprova jġib il-fond minn x'imkien. Inħarget skema għal fondi ta attivitajiet tal-Milied mill-gvern lokali, liema skema ser japplika għalija il-kunsill. Il-Kunsill iddecieda ukoll sabiex jizdiedu id-dwal tal-milied fit-toroq.

38.3.7 Aġġornamet Parking BOV – Is-Sindku stqar mal-Kunsill li t-talb sabiex tinkera l-għalqa hija wisq għolja sabiex jiffinanzja il-bank waħdu. Dan minħabba ftehim tal-prezz ma terzi persuni. Is-sinku għandu jiddiskuti ma kumpaniji ohra sabiex jara inqanqalx interess għal dan il-progett u jiġi iffinanzjat minn diversi kumpaniji fil-lokalita.

38.4 **Arretrati tal-Staff**

38.4.1 Il-Kunsill ġie infurmat li l-pagi ta l-istaff kienu qed jinħadmu ħazin għal dan l-aħħar tliet snin. Is-Sindku spjega li l-staff jizdiedu fil-paga kull sena skont l-iskala tagħhom. L-Agent Segretarju Ezekuttiv qalet li intalbet konferma ta' l-iskali mal-Gvern Lokali u instab bic-cert li dan huwa minnu. Spjegat lil Kunsill li ma kienx daqshekk faccli li jinstab dan l-izball. L-izball instab wara li sar ezercizzju dwar l-iskali u il-progression li suppost kienu riflessi fil-pagi. Il-Kunsill approva l-arrerati sabiex jitħalsu mal-paga li jmiss.

**38.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

38.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet

**38.6 Rapporti**

38.6.1 Il-Kunsill għamilha ċara li r-rapporti tal-Contracts Manager trid tibghathom l-ewwel gimgħa tax-xahar, sabiex ikunu disponibli waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

**38.7 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

38.7.1 Il-Vici Sindku R.Mangion staqsa dwar il-cameras tat-toroq. L-Agent Segretarju Ezekuttiv talbet lil kunsill sabiex japprova il-quote u din giet approvata. Il-Kunsill ser jkun infurmat fuq kull stadju tal-progett.

38.7.2 Camera tal-Lesa fi Triq x-Xatt – Il-Sindku semmgħa li għadu jircievi ilmenti rigward il-camera tal-Lesa fi Triq x-Xatt. Dawn l-ilmenti qed isiru minn residenti li bilfors iridu jieqfu biex inizzlu ix-xirjiet etc etc. L-istess ilmentaturi ghamlu anki ilment dirett mal-LESA fejn dawn stqarru li din il-kamera giet imwahhla bi-ftehim mal-kunsill. Is-Sindku stqarr li dan assolutaent mhuwhiex minnu. Wara diskussjoni l-Kunsill iddecieda li jibgħat ittra sabiex titneħħa din il-camera.

38.7.3 Il-Kunsillier J.Cardona staqsa fuq talba miktuba sabiex tiġi introdotta sistema ta' skart elettroniku zghir permess ta' trolley fil-kunsill. Il-Kunsill qabel u approva.

38.7.4 IBINS/Bring In Sites – Is-Sindku stqasa dwar il-fondi li il-Kunsill kien applika ghalijhom sabiex jaghmel l-IBINS fil-lokalita. L-Agent Segretarju Ezekuttiv qalet li tali fondi għadhom qed jiġu evalwati, madanakollu il-bring in sites iridu jsir ghaliex saru mandatorji bil-liġi.

38.7.5 President Fun Run – Il-Kunsillier N.Chetcuti talab għal għajnuna tal-kunsilliera sabiex inheggu ir-residenti jippartecipaw fil-Fun Run. Il-Kunsilliera qablu li jagħmlu l-almu taghħhom.

38.7.6 L-Sqaq tal-Housing Estate (għal Triq Manoel) – Il-Kunsillier N.Chetcuti semmgha hemm bzonn jizdied id dawl fl-sqaq. Innota ukoll li hemm bzonn tingħata iz-zebgħa. Il-Kunsill iddecida li jmexxi b'din it-talba.

**38.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

38.8.1 Il-Vici Sindku staqsa dwar il-pagament ta’ Maria Brown, fejn is-Sindku spjega li hija qeda tagħmel Social impact Assesment għal kas tal-pompa.

38.8.2 Il-Kunsillier H.Caruana staqsa dwar il-pagament ta’ D’Aniens. Is-Segretarja spjegat li dan mhux spejjes tal-Kunsill, imma naddu dan il-process biex niffacilitaw l-affarijiet lil POYC.

38.8.3 Il-Kunsillier H.Caruana rega staqsa dwar il-pagament ta’ Dr Woods. L-Agent Segreatrju Ezekuttiv iltaqat ma Dr Woods fejn spjegala iktar fid dettal kif tahdem is-sistema. Rigward din il-laqgħa intbghatet e-mail. Is-Sindku reġa spjega li dawn huma spejjez ta kawzi, ix-xogħol involut f’kull kawza u prezenza fil-qorti. Il-Kunsill approva il-pagament.

38.8.4 Il-Vici Sindku staqsa dwar il-pagament ta’ Correct Tremination Ltd, fejn is-segretarja spjegat li huwa is-servizz ta’ Live Streaming

38.8.4 Il-Kunsillier R.Mangion ppropona li l-paġamenti jiġu approvati. Il-kunsillier I.Buhagiar ssekonda.

**37.9 Mozzjonijiet**

37.9.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

**37.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

37.10.1 Il-laqgħa intemmet ghall-ħabta ta' 9.05pm. Is-seduta li jmiss se tkun nhar l-il-Ħamis 25 ta’ Novembru fil-5.30pm.

Konfermati, illum 25 ta’ Novembru 2021.

IFFIRMATA

Conrad Borg Manche
Sindku

IFFIRMATA

Claire Goodlip
Aġent. Segretarju Eżekuttiv